# UFFICCJU PARROKKJALI

c/o 9, Triq il-Parrocca, Haz-Zebbug
Tel: 21460800 Mob: 79729252
Villa San Filep , Triq il-Kbira ,Haz-Zebbug
Il-Gimgħa 4.30pm-6.00pm. It-Tlieta 9.30am-11.00am

20 ta' Lulju 2010

B'riferenza ghal rapporti li dehru f'dawn l-ahhar jiem f'xi sezzjonijiet tal-istampa lokali, il-Parrocca ta' San Filep t'Agira f'Haz-Zebbug tixtieq ticcara dan li gej:

- Il-kampanja tal-Parrocca favur l-ghaqda tal-familja u, allura, kontra d-divorzju, ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar snin, kemm bil-kitba, cioe' fil-fuljett parrokkjali, kif ukoll f'*billboards* li l-Parrocca tesponi fuq iz-zuntier tal-knisja.

- Il-*billboard* jinbidel perjodikament u kien wasal iz-zmien li jitwahhal *billboard* iehor.

- Il-*billboard* li twahhal fuq iz-zuntier tal-knisja nhar il-Gimgha 16 ta' Lulju 2010 kellu l-ghan li jservi bhala kontinwazzjoni ghall-kampanja twila tal-Parrocca favur it-taghlim tal-Knisja Kattolika kontra d-divorzju, ukoll fid-dawl tad-dibattitu li rega' qam sew dan l-ahhar.

- Il-Parrocca jiddispjaciha ghall-inkonvenjent li nqala' lill-kumpanija tal-elettronika li ghenet lill-Parrocca tkopri parti mill-ispiza ta' dan il-*billboard*. Il-Parrocca taghmilha cara li din il-kumpanija ma kienetx taf x'se jkun il-kontenut tal-*billboard*. Il-Parrocca tirringrazzja lil din il-kumpanija u kumpaniji ohrajn li regolarment jghinuha finanzjarjament fil-pubblikazzjonijiet varji tal-Parrocca.

L-Arcipriet Fr. Daniel Cardona
u l-membri tal-"Kummissjoni Relazzjonijiet Pubblici u *Media*"
Parrocca San Filep t'Agira, Haz-Zebbug